# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 140/2020 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**RB**

**Vs**

**BB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' RB datat 27 ta' Mejju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Il-partijiet iżżewwġu fit-tmienja ta' Settembru tas-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin ( 1995) hekk kif jidher miċ-Ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u immarkat bħala Dok A.*

*Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt (2) itfal u ċioe RL li twieled f'X u RS li twieled f'Y u għalhekk għandhom l-eta ta' X sena u Y -il rispettivament. Kopji taċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri huma hawn annessi u immarkati bħala Dok B1 u Dok B 2 rispettivament.*

*Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech tal-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) kopja liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok C.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli jew remot għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet statne illi dawn ilhom jgħixu b'mod separat minn xulxin għal aktar minn tmien snin (8) ċioe minn qabel Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u illum il-*

*ġurnata għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-esponenti hu obbligat jħallas lill-intimata is-somma ta' mitt ewro (€100) kull xahar għall-ulied. L-esponenti tiddikjara illi sal-ġurnata ta' llum ma hemmx pendenzi bejn il-partijiet dwar dan l-ammont.*

*Illi l-esponenti tixtieq li jiġi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;*

*Għaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien mogħti lilu għal daqshekk minn din l-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dana jiġi debitament irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi fil-verbal datat 15 ta' Lulju 2020 ( fol 15 ) l-intimat deher mhux assistit u l-Qorti spjegat lilu d-drittijiet tieghu, izda hu ddikjara li ma jehtiegx avukat u mhux qed jopponi ghad-divorzju;

Rat ukoll illi l-attriċi iddikjarat li hija lesta tħallas l-ispejjes kollha ta' dawn il-proċeduri;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**RB** xehdet ( fol 23 ) illi hija izzewwġet lil BB fit-8 ta' Settembru 1995 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni. Xehdet illi mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni 'l hawn, u ċioe mill-31 ta' Ottubru 2012, ma

kienx hemm rikonċiljazzjoni bejnha u bejn żewġha, u lanqas hemm tama ta' din ir-rikonċiljazzjoni. Il-manteniment dejjem tħallas u ma hemm ebda arretrati dovuti.

**BB** xehed ( fol 25 ) u ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet martu RB.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Settembru 1995 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech, datat 31 ta' Ottubru elfejn u tnax (2012) (vide Dok. C fol 6 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati tal-manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Tordna l-ispejjez ikunu a karigu tal-attrici.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**